KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 58** **Tlieta 7 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Francis Deguara – Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier
George Borg – Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Keith Cassar - Kunsillier
Mikhail Micallef – Kunsillier

**ASSENTI:**

**MISTIEDEN:** Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Cassar u Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Cassar u Micallef.

Fis 6:15pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara l-*item* 58.5.6 Annual Budget for the Financial Year 2023.

Fis 7:00pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqara l-*item* 58.5.2 Deċiżjoni Traffic Management Permanenti wara Konsultazzjoni Pubblika.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 56 u 57**

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dokumenti lesti, u ntbagħtu lid-DLG għal-*feedback* qabel ma jintbagħatu uffiċjalment, biex naraw li ma jonqos xejn.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**

Is-Sindku nforma li dwar Tal-Ġeneral Co. Ltd, il-ftehim ġie ffirmat u sar l-ewwel pagament ta' €50,000.

Dwar Arbitraġġ PAMA, is-Sindku nforma li kien diffiċli biex napplikaw għal-ġnien ta' Mlit ma Project Green, għax m'huwiex proġett li jaqà taħt ir-rekwiżiti ta' Project Green. Ma tantx tista tħawwel siġar fuq saqafta' Gibjun anke minħabba l-istess struttura tas-saqaf. Is-Sindku nforma wkoll li ma kienx hemm żmien biżżejjed żmien biex napplikaw għall-proġett ta' pjazza Mitħna Qadima, ċioe ħdejn l-għalqa ta' Ċikku Fenech, u applikajna biss fuq il-proġett ta' ġnien Reggie Cilia. Dan il-proġett diġa kien sfida fih innifsu biex saret l-applikazzjoni ma Project Green fil-ħin qasir mogħti sal-egħluq tal-applikazzjoni.

Dwar il-proġett ta' Mlit li kellu jsir mil-PAMA, is-Sindku nforma li tkellem mal-Ministru Stefan Zrinzo, fejn il-Ministru talab lis-Sindku biex jressaq it-talba bil-miktub biex naraw hemmx ċans li dan il-ġnien jsir mill-Public Works, peress li safejn jaf hu l-ġibjuni jaqaw taħt dan il-Ministeru. Is-Sindku żied jgħid li jekk ma jkunx hemm tama li jsir mil-Public Works, nkomplu bl-arbitraġġ.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li l-pont ser jingħalaq għal-kollox fl-10 ta' Marzu biex jaħdmu Infrastructure Malta (IM). Il-pont għandu jibqa' magħluq sas-27 ta' Marzu jekk ma jinqalgħux intoppi. Waqt dan il-perjodu li qed isiru x-xogħlijiet u sakemm jinfetaħ il-pont mill-ġdid, triq il-Fortizza u triq Difiża Ċivili ser jibqgħu *two-way.*

Il-Kunsillier Deguara nforma li fi triq Difiża Ċivili l-parti tal-bankina fejn l-iktar jimxu n-nies hija dejqa waqt li fuq n-naħa l-oħra hija wiesgħa, u ssuġġerixxa biex il-parti d-dejqa tal-banikna titwessa.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għandha bżonn risposta biex jitħallas il-kont rigward l-44 toqba tal-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat wkoll li ntbagħtu lil-Kunsilliera r-ritratti kollha tat-toqob ħlief ta' erba' fejn bħalissa mgħottijin b'kontejner.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li skont iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit tal-Kunsill 16 il-toqba saru ġodda. Il-Kunsilliera żiedet tgħid li jekk irranġa dawn it-toqob taqbel li jitħallas, imma żgur li l-anqas waħda ma saret ġdida. Is-Sindku nforma li għalissa *on-hold* għax mhux jaqbel mal-kont, u ssir laqgħa bejnietna mal-kuntrattur.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut wara li nħarġitlu l-ittra legali. L-avukat nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jipproċedi b'kawża legali.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li għad irid jibgħat l-post preċiż ta' triq il-Fortizza u ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u s-Segretarju Eżekuttiv fakkret li kellna nagħtu risposta sal-Ġimgħa 9 ta' Diċembru.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Is-Sindku nforma li għad qed nistennew konferma tal-lista tat-toroq mil-MTA.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Sindku nforma li hemm bżonn nibdew naħdmu fuq din il-mowbajl *application*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevietx *feedback.* Is-Sindku nforma li jew kulħadd jibgħat suġġeriment inkella ser nibdew naħdmu fuq l-*application* għax iż-żmien għaddej. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibda taħdem fuqha hi flimkien mas-Sindku.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa l-Kunsill Lokali mad-disinjatur tad-dawl Franck Franjou, ma Erica Muscat mill-uffiċju tiegħu u mall-Inġinier Ronnie Bezzina. Is-Sindku spjega li Franck ressaq proposta ta' kif għandu jkun id-dawl fl-immedjat tal-pjazza kif ukoll f'parti minn Triq il-Kbira, Bażilika u Kostituzzjoni. Id-dwal li qegħdin proposti fl-immedjat tal-Bażilika fil-pjazza huma proposti li ser jeħlu fuq arbli suwed fil-pjazza simili bħal dawk li diġa twaħħlu, mentri il-kumplament tad-dawl hu propost li jeħel mal-bini 'wall mounted'. Iż-żona li qegħda fuq il-parti ta' quddiem tad-daħla taċ-Ċentru Ċiviku wkoll hija proposta li tinxtegħel bi dwal imwaħħlin ma arbli suwed. Din is-sistema tagħmilha aktar faċli biex tixgħel monumenti, features, telephone box, u ma jkollux għalfejn jinqala d-dawl meta niġu biex nagħmlu l-proġett tal-latrina pubblika.
L-engineer Franjou ġie mitlub li jaqsam li stima globali fi tnejn jiġifieri waħda għal dawk li ser jeħlu mal-arbli u li stima l-oħra għal dawk li se jeħlu mall-ħitan inkluż iż-żona tad-daħla taċ-Ċentru Ċiviku.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bieraħ reġgħet bagħtet tfakkira għax għadna ma rċevejniex risposta mil-ERA dwar is-siti proposti mil-Kunsill, u fakkret li dawn huma, LIDL, ġibjun ta' Mlit u fil-parkeġġ ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Sindku nforma li din il-proposta waqgħet minħabba oġġezzjoni mill-ERA, minħabba l-wied u l-abitat naturali, kif wkoll minħabba l-bijodiversità tal-post. Għalhekk fis 16 ta' Marzu għanda laqgħa mal-LESA, biex ma nitilfux il-fondi ħa nipproponu dawl fuq il-pont ta' triq Kostituzzjoni.

**REF: 52.5.5 Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Sindku nforma li ser jsiru erba' fanali fit-truf tal-pont li kul arblu ħa jkollu ħames brazzi, u sitta fanali oħra li jitwaħħlu fit-tul tal-pont li jkollhom bozza waħda. Dawn ser jeħlu tlieta kull naħa. Għal dawn il-fanali nistgħu naħdmu bil-kuntrattur tagħna tad-dawl.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-emenda tat-test tal-abbozz legali bil-Malti u bl'Ingliż lesti, u fadal parti miċ-*checklist* li trid timtela mil-konsulent fuq GDPR.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku nforma li jrid jikteb lil-Infrastructure Malta (IM), peress li l-programm ta' toroq li ser jsiru min IM mhux biżżejjed, u għad hemm ċertu toroq li għadhom barra mil-lista tal-programm li kif mitlub ssottomejna lil IM għas-snin 2023-25.

**REF: 54.3.6 Tender ta' Skart Reġjonali**
Is-Sindku nforma li għad ma hemmx *update* dwar il-ġabra addizzjonali tal-kartun. Is-Sindku żied jgħid li hemm bżonn nitkellmu mal-LESA fuq infurzar fi triq San Pawl tal-Qlejja ma triq tas-Sriedek għax kollha taż-żona industrijali kollha qed joħorġu l-boroż taż-żibel fil-kantuniera, u l-kuntrattur mela trakk sħiħ żibel u mar-ġabar il-boroż bi pjaċir meta ntalab mis-Sindku.

**REF: 54.4.4 UPDATE ĦARĠIET**
Il-Kunsilliera Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa attendew 36 persuna, u l-ħarġa li jmiss hija għat-23 ta' Marzu ġewwa l-MUZA.

**REF: 54.5.6 KLMT 02-2022 Tender for the Provision of Security Services at Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Sindku nforma li dan it-tender qed jarah ħela ta' flus, għax is-*security* jew bil-qegħda jew jippassiġġa, u jekk jkun hemm xi student adult jitbandal fuq il-bandli tat-tfal, ma jkellmux. Rari kellna 'feedback' mis-'security' li qed ikollna fuq il-post. Issa ilna xhur nużaw dan is-servizz u qatt ma nqabad ħadd avolja xorta kien hemm instanzi ta' vandaliżmu.

Il-Kunsilliera unanimament qablu biex dan it-tender ma jinħariġx u nwaqqfu is-*security* ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta b'mod immedjat.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kumitat beda l-evalwazzjoni, fejn is-Sindku għad jrid jibgħat il-lista tal-*financial bids* li offrew il-*bidders,* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u dan it-tender jkun finalizzat.

**REF: 54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Sindku nforma li għamel laqgħa mall-MicaMed, il-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u Philip impjegat tal-Kunsill u flimkien ġew diskussi l-ispeċifikazzjonijiet tad-dwal li hemm bżonn jitwaħħlu biex ikunu 'vandal proof'. Gie diskuss ukoll il-metodu ta kid ser jeħlu. It-tip ta' dawn id-dwal ġew deċiżi u għalhekk issa dawn ġew ordnati. Ix-xogħol hemm bzonn ikun lest sal-aħħar ta' Mejju biex jekk hu possibli, ma nitilfux fondi mill-iskema.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħadd mill-Kunsilliera ma rrisponda ħlief il-Kunsilliera Galea, u għalhekk dan it-tender ser jinħareġ.

**REF: 54.5.15 Measure 4.3 Update Proġett San Pawl tal-Qlejja (Wied tal-Qlejja)**
Is-Sindku nforma li l-Perit tal-Kunsill għamel il-BOQ bil-prezzijiet tal-Elles Urban Services meta dan jaf li l-prezzijiet ta' dan it-tender huma ta' erba' snin ilu, meta llum kulħadd jaf li l-prezzijiet inbiddlu. Għalhekk ser jibgħat imejl bil-BOQ bil-prezzijiet kurrenti li qed jużaw 'Infrastructure

Malta' fil-'framework' tagħhom, u għalhekk qbilna li kulinkwa stejjem isiru b'dawn il-prezzjijiet.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**

Is-Sindku nforma li qed jitkellem ma persuna mil-Ministeru fuq il-possibbiltà li l-jersaq l-monti, imma hemm triq twila sakemm naslu biex l-monti li jarma fi triq Nicolo Isouard jersaq permanenti fi triq Patri Avertan Fenech.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nħareġ avviż ieħor li għalaq fit-2 ta' Marzu, fejn applikazzjonijiet rċevejna tlettax. Fil-jiem li ġejjien il-bord jiftiehem data biex nagħmlu l-*interviews*.

**REF: 55.5.3 Appraisals**

Is-Sindku nforma li ikkonkluda l-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv b'*performance bonus* ta' 9%.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-*Street Naming Committee* rrispondew u għalkemm aċċettaw it-talba tal-Kunsill jiġifieri li tinbidel triq id-Dawr li tidħol għalija min Vjal l-Indipendenza, minflok ppproponew li tkun triq id-Dawr li tmiss ma triq l-Antinni u triq l-Istrinġell, li tinbidel u t'issemma għal Freddie Micallef.

Is-Sindku nforma li ser jitkellem mal-familja ta' Freddie Micallef biex jara jaqblux mal-proposta ta' lis-*Street Naming Committee*. Huwa qal li personalment ma jaqbilx għaliex Triq Freddie Micallef għandha tkun l-entratura tal-Housing Estate jiġifieri minn tarf Vjal l-Indipendenza int u dieħel mad-dar tax-xjuħ, taqbeż ir-roundabout u tibqa sejra sa qabel tikser Triq id-Dawr. Is-Sindku nforma li ser iwieġeb lill-iStreet Naming Committee huwa fuq dan il-każ.

**REF: 56.3.3 Talbiet biex jissemmew toroq għal Dr. Calvagna, Mons. Carabott u s-Sur Pawl.**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-*Street Naming Committee* rrispondew u aċċettaw li l-parti z-żgħira ta' triq Stivala tinbidel u ser tissemma għal Mons. Joe Carabott.

Il-Kunsill qabel li peress issa fil-Mosta hawn Gnien Victor Calvagnia, ma huwiex il-bżonn li tissemma triq għalih ukoll.

Il-Kunsill ressaq ukoll proposta biex parti minn Triq il-Wied tissemma bħala Triq is-Sur Pawl. Il-Kunsilliera qablu li t-talba tal-Kunsill hija biex tinbidel dik il-parti dritta ta' triq bejn it-tarf ta' Triq il-Kostituzzjoni sal-pjazza Wied il-Plejju li għandha tinbidel għal Triq is-Sur Pawl għax hemm għex huwa. Hija dik il-parti ta' triq mill-pjazza Wied il-Plejju lejn pjazza 16 ta' Settembru li għandha tibqa' bl-isem ta' Triq il-Lunzjata.
L-isem ta' triq għandu jkun Triq Pawlu Cuschieri, bin-nomenklatura: **Is-Sur Pawl, Spiżjar, 1912-1992**

**REF: 56.3.4 TAL-MAĊEDONJA**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-*Street Naming Committee* aċċettaw t-talba ta' triq il-Maċedonja, liema triq tmiss ma triq ta' Piru.

**REF: 56.3.5 KLMT 02-2023 Bulky Refuse Tender**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt ġie estiż b'sena skond it-talba tal-Kunsilliera.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt tal-Youth Worker Service jiskadi 31 ta' Mejju 2023. Il-Kunsilliera Bonnici ħa tiċċekkja jekk għadhomx jiltaqgħu.

Fit-9:00 il-membri preżenti qablu li ħin tal-laqgħa jkun estiż b'nofs siegħa sad-9:30pm.

**REF: 56.3.8 Project Green**

Sindku nforma li applikajna fuq iż-żona ta' ġnien Reġġie Cilia. Din iżżona mhux biss tinludi l-ġnien, iżda t-triq tal-kennirja ta' wara l-knisja, t-trejqa ta' bejn il-boċċi u l-ġnien, il-Hnaqa u parti miż-zona tal-parkeġġ riżervat għall-Kunsill u tobba. Mall-applikazzjoni saret ukoll talba għad-Devoluzzjoni tal-art kif meħtieġ. Irċevejna '*acknowledgement'* minn Project Green. B'kollox iddaħħlu 72 applikazzjoni ta' proġetti mill-Kunsilli Lokali, u qed nistennew biex jitħabbar ir-riżulatat ta' kif l-10 Miljun Ewro ser jitqassmu skond min ġie l-ewwel bil-punti, it-tieni, it-tielet eċċ,. Huma dawn l-ewwel proġetti kklassifikati fuq quddiem li l-istejjem tagħhom jammontaw għal 10 Miljuni li ser jitwettqu l-ewwel. Dawn il-pjanti, ta' kif applikajna għal-proġett ma Project Green f'qasir żmien huma xorta suġġett li jinħareġ permess mill-Awtorita tal-ippjanar u li ssir Konsultazzjoni Pubblika.

Jonqos ukoll li issir l-applikazzjoni mad-DLG għall-approvazzjoni ta' din id-devoluzzjoni. Qabel ma jkollna din, it-talba għal din id-devoluzzjoni ma tistax tiġi proċessata mill-'Lands Authority'. Diġa saret applikazzjoni simili mad-DLG għal Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibda taħdem fuq din id-devoluzzjoni billi tagħmel it-talba neċessarja mad-DLG.

**REF: 56.3.10 Laqgħa Pubblika t'April**

Is-Sindku fakkar lil membri preżenti li jridu jlestu r-Rapport Amministrattiv 2022 dwar id-dekasteri tagħhom. Il-Laqgħa Pubblika li jmiss ser issir fit-2 ta' Mejju kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa.

**REF: 56.4.3 Earthquake Aid għat-Turkija**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li waqt il-ġbir ġejna nfurmati biex ma niġbrux aktar ikel, u għalhekk kien fadal xi kaxxi ta' l-ikel li ntbagħtu l-Food Bank Malta.

**REF: 56.4.6 Magazine tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara fakkar lil-membri preżenti biex jibgħatu l-kitba tal-messaġġ tagħhom, kif ukoll nforma li bgħat lir-Reġjun Tramuntana wkoll biex jibgħatu l-messaġġ tagħhom wkoll.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 56 u 57.

**58.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**58.3.1 Cleaner għal-uffiċini tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti fejn f'laqgħa numru 53, il-membri tal-Kunsill approvaw li naraw x'hemm bżonn biex jsir *contract of service,* u ġejna nfurmati mid-DLG li nistgħu nimpjegaw *cleaner* għal-uffiċini tal-Kunsill fuq skala 18.

Il-membri preżenti approvaw biex napplikaw mall-Jobsplus, għal-*office cleaner* fuq skala 18.

**58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li peress li l-kuntratt ta' Elles Urban Services ser jiskadi f'April, ħa jipprova jitkellem ma Infrastructure Malta (IM) biex jekk hu possibli jsir dan ix-xogħol neċessarju mill-kuntratturi tagħhom bil-prezzijiet stabbiliti tal-'framework' tagħhom, u wara li x-xogħol ikun ċertifikat mill-perit u jinħareġ il-kont, il-ħlas mill-Kunsill isir lil IM. Sadanittant il-Kunsill irid jaħseb biex joħroġ tender ġdid.

**58.3.3 Latrina Pubblika**
Is-Sindku nforma li fejn jidħol ix-xogħol ta' kostruzzjoni bħal twaqqiegħ, il-bini tal-ħitan u s-saqaf ser jsiru min Infrastructure Malta (IM), u nħallsu lil IM bil-mod kif imsemmi f'punt 58.3.2. Waqt ix-xogħol, bħala Latrina Pubblika ser nużaw l-latrina ta' persuni b'diżabilità għal kulħadd. Il-latrini il-ġodda nistgħu nagħmluhom billi napplikaw bil-fondi tar-Reġjun Tramuntana peress li hemm skema tal-latrini.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li aħjar il-flus li ntefqu għal-*security* ntefqu f'*toilet attendant*, għax jidħlu wisq ilmenti, u l-Kunsillier Camilleri żied jgħid li ma jintużawx ħafna għax maħmuġin. Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li l-latrina ta' persuni b'diżabilità li ser tintuża min-kulħadd hemm bzonn titnaddaf waħda sew filwaqt li jkollha *toilet attendant,* bi ħlas ta' 50 ċenteżmu min kull min juża il-lattrina. Dan il-ħlas ma jingħatax f'idejn l-*attendant*, imma f'kaxxa elettronika.

Is-Sindku ressaq quddiem il-membri preżenti id-disinn tal-*canopy*, li qed tiġi mehmuża bħala **Appendiċi A**, u li ħa tkun fejn il-latrina pubblika qabel ma tidħol fiċ-Ċentru Ċiviku. Dan jista' jkun li tkun tender għalija u ssir fil-futur meta jkollna fondi jew meta jkun hemm xi skema addattata.

**58.3.4 Kuntratt Reklamar fuq Għamara tat-Toroq.**
Is-Sindku nforma li f'Mejju ta' 2016 kien sar MoU ma SJF Limited fejn ingħatalu d-dritt biex jwaħħal *steel safety barriers/frames* biex jitwaħħal materjal ta' reklamar. Is-Sindku nforma li bħala dħul fl-2022 kien biss ta' €419.22c, u għalhekk dan mhux finanzjarjament viabbli bħala dħul u ser jkun it-terminat il-kuntratt.

Il-membri preżenti unanimament qablu li jkun it-terminat il-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforema lil SJF Ltd b'din id-deċiżżjoni, filwaqt li issaqsi wkoll jekk dawn iridux ineħħu l-istrutturi ta' reklamar mit-toroq huma. Jekk le, ineħħihom il-Kunsill.

**58.3.5 Siti ta' Parkeġġi**
Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza fejn fl-2022 tnediet Proposta tal-Manifest Elettorali 962 – "Il-kunsilli lokali jaħdmu mal-awtoritajiet ċentrali u s-settur privat sabiex joħolqu u jamministraw żoni ta' parkeġġ".

Peress li din il-miżura ġiet assenjata taħt ir-responsabbiltà tad-DLG jixtiequ li nindikaw xi siti/spazji pubbliċi li fihom potenzjal u għaldaqstant jistgħu jiġu żviluppati f'siti ta' parkeġġi, inklużi kwalunkwe spazji taħt l-art.

Is-Sindku nforma li din il-korrispondenza ġiet iċ-ċirkolata lil-Kunsilliera, u talab lil-membri preżenti biex jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom.

**58.3.6 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**

Is-Sindku talab biex jkunu ingaġġati żewġ persuni fuq skala 16, persuna biex tassisti fl-uffiċju u persuna oħra mat-telefons. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tara jekk nistgħux sia fejn tidħol l-allokazzjoni u permess mid-DLG, u nfurmat li diġà daħħalna tlieta skala 16, filwaqt li ma hemmx post fejn joqgħodu aktar nies. Is-Sindku qal li l-aħjar nibdew billi nsaqsu l-*accountant* tal-Kunsill għax rigward spazju nirranġaw b'xi mod.

**58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**58.4.1 Tabelli tad-Dip**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li hemm tabella f'tad-Dip, li ilha ħafna biex issir, fejn ma jistax jsir *no left turn* jew *no right turn* u għada ma twaħlitx. Kif wkoll hemm *one-way* li qegħda għalxejn, u kulħadd qed jikser *wrong way.* Is-Sindku nforma li wara li sar it-*Traffic Management taż-żona,* tlett kwarti minnu biss hemm mplimentat, u l-kuntrattur tal-Kunsill li jagħmel *road markings* wiegħed lis-Sindku li dan it-Traffic management ser jigi konklus immedjatament.

Fid-9:25 il-Kunsilliera Rapa u Camilleri talbu biex jkunu skużati mil-laqgħa.

**58.4.2 Bus Stop fi Vjal Indipendenza**

Il-Kunsillier Farrugia staqsa kemm hu possibbli biex il-*bus stop* li hemm fi Vjal Indipendenza, fejn ir-*roundabout* ta' Ċikku Fenech, jidħol ftit il-ġewwa, għax tal-linja qed twaqqaf it-traffiku. Is-Sindku nforma li ideja tajba, biex tiċkien il-bankina. Is-Sindku ħa nota biex jinforma lil Infrastructure Malta jekk dan hux possibli. Madankollu, huwa qal li jekk tal-linja tidħol fil-*bus bay*, il-karozzi jgħaddu bla xkiel.

**58.4.3 Bus Stop fi Vjal Indipendenza**

Il-Kunsillier Borg staqsa f'hiex waslet it-talba taż-żebra *crossing* u *sleeping police* fi triq il-Mitħna. Is-Sindku nforma li ħa ssir laqgħa ma Transport Malta, u talab lil-Kunsillier Borg biex jattendi miegħu.

**58.4.4 Innovation Science in the City**

Il-Kunsilliera Borg u Gatt nformaw li saret laqgħa mat-tfal ta' Echo Skola. Wara ħsibijiet u diskussjonijiet tressqet l-ideja biex jsir *Innovation Weekend,* fuq jumejn, għalhekk għal dan l-avveniment talbu approvazzjoni mil membri preżenti biex jingħataw baġit ta' €10,000, għal *sound* u *light system,* siġġijiet u mwejjed, uffiċjal tas-sigurtà, tined min-supplier u tined oħra mil-iscouts, materjal biex jintuża mil-iskola waqt l-*Innovation Weekend, sandwiches* u ilma għat-tfal u l-voluntiera. Din l-attività hija pjanata biex issir fid-19 u l-20 ta' Mejju. Is-Sindku qajjem il-punt jekk nitgħux flok nikru tined b'ħafna flus, naraw hux possibli niddiskutu ma l-iScouts tal-Mosta u jkun hemm ħls ta' kiri lilhom. Fl-istess ħin inkunu qed ngħinu gHaqda Mostija. Ġie diskuss li anke nistgħu flok immorru Gnien l-Għarusa bi spiża kbira ta' kiri ta' tinda, hux possibli li din l-attivita issir fis-sit tal-iscouts tal-Mosta. Il-Kunsilliera Borg u Gatt kellhom jaħdmu fuq dan il-ħsieb.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti approvaw baġit ta' €5,000.

**58.4.5 Ħofor fejn Lilly of the Valley**

Il-Kunsillier Zerafa nforma li hemm bżonn nduru l-ħofor li hemm fejn l-iskola Lilly of the Valley.

**58.4.6 Slaleb fit-Toroq**

Is-Sindku nforma li ser jkunu jinkrew slaleb mixgħula biex jitwaħħlu f'partijiet mit-toroq tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jiġifieri Triq il-Kbira, Triq il-Bażilika, Triq Stivala. Ma dawn se jeħlu wkoll slaleb f'parti minn Triq il-Kungress Ewkaristiku, bejn il-pjazza u Triq it-Torri. Dawn se jintramaw u jiżżarmaw wara l-Irxoxt għas-somma ta' €800.

**58.5 Rapporti**

**58.5.1 Update - Development Funds as at 07.03.2023**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**58.5.2 Deċiżjoni Traffic Management wara Konsultazzjoni Pubblika**

Is-Sindku ta' *update* dwar il-konsultazzjoni pubblika fejn il-*feedback* li rċevejna tar-residenti u stabbilimenti kummerċjali ġew diskussi waqt bosta laqgħat tat-Traffic Management Committee, liema tibdil qed jigi preżentat lill-kunsilliera għad-diskussjoni.

Is-Sindku wera l-pjanti lill-membri preżenti liema pjanti ġew parti mibdula wara l-konsultazzjoni pubblika, u li qed jiġu annessa bħala **Appendiċi B**. Is-Sindku spjega li sar studju u diskussjonijiet fil-fond mit-*Traffic Management Committee* dwar it-tibdiliet ta ċertu direzzjonijiet ta' toroq li saru, u liema tibdiliet saru proposti fuq talba ta' resident li daħlu s-suġġeruimenti tagħhom fi żmien stipulat. Wara li l-membri preżenti daru l-pjanti, s-Sindku talab lil Kunsilliera l-kummenti tagħhom dwar dawn il-pjanti u jekk jaqblux magħhom. Is-Sindku fakkar li issa l-Kunsill ser ikun qed jiddeċiedi li din il-proposta tigi mplimentata fuq mod permanenti. Qal ukoll li xorta ikun fadal l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Saret diskussjoni u peress li ma kienx hemm qbil unanimu s-Sindku talab li jittieħed vot mil-Kunsilliera preżenti.

| | |
|---|---|
| **Kontra:** | Kunsillier Aiken Zerafa (rapport **Appendiċi C**)<br>Kunsillier Joseph Gatt (rapport **Appendiċi D**)<br>Kunsillier Francis Deguara (rapport **Appendiċi E**) |
| **Astensjonijiet:** | Ħadd |
| **Favur:** | Sindku l-Perit Christopher Grech<br>Viċi Sindku Rachel Abela<br>Kunsilliera Dott. Angele Rapa<br>Kunsilliera Maria Pia Bonnici<br>Kunsillier Mario Victor Camilleri<br>Kunsillier Danny Farrugia<br>Kunsillier George Borg<br>Kunsilliera Anna Galea |

Għalhekk il-proposta kif emendata mit-*Traffic Management Committee*, wara l-Konsultazzjoni u l-evalwazzjoni u preżentata lill-Kunsilliera għall-approvazzjoni biex din issir b'mod Permanenti issa hija APPROVATA mill-Kunsill. Is-Sindku qal li issa ser javża lil TM b'din id-deċiżżjoni tal-Kunsill biex inkunu nistgħu nitilgħu TMC għzd-deċiżżjoni ta' TM biex ikollna deċiżżjoni aħħara dwar *Traffic Management* Permanneti għall-Mosta.

**58.5.3 Annual Budget for the Financial Year 2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-baġit 2023 li kien mressaq fil-laqgħa pubblika ta' Diċembru, jrid jiġi approvat.

Abbozz ta' numri bbaġitjat għall-2023

- Allokazzjoni tal-Gvern €1,449,798
- Dħul Ieħor €255,100
- Dħul Totali €1,704,898
- Emolumenti Personali €350,000
- Operazzjonijiet u Manutenzjoni €1,125,600, li jikkonsisti fi:
    - Tiswijiet €135,000
    - Dawl tat-Toroq €38,000
    - Kera €40,500
    - Ġbir u rimi tal-iskart €420,000 (ammonti li għad iridu jiġu aġġornati skont l-offerta l-ġdida tal-Ġbir tal-Iskart Reġjonali)
    - Skart goff €40,000
    - Tindif tat-Toroq €150,000
    - Latrini Pubbliċi €8,500
    - Tindif u manutenzjoni Parks u Ġonna €125,000
    - Komunità u Ospitalità €60,000
    - Oħrajn €108,600
    - Amministrazzjoni €74,000
- Deprezzament €118,000
- Nefqa Totali €1,669,000
- Recurrent Surplus €35,000
- Proġetti Kapitali €1,025,000 (huwa stmat li €507,000 se jiġu rimborżati minn sorsi oħra tal-Gvern Ċentrali, Development Planning Fund, DLG, Fondi Reġjonali) li jikkonsistu minn:
    - Pavimentar tal-Pjazza skond disinn €250,000
    - Toroq Pedonali (Slow Streets) €150,000 (huwa stmat li €120,000 se jiġu rimborżati min sorsi oħra ta' għotjiet tal-Gvern Ċentrali, Development Planning Fund, DLG, Fondi Reġjonali)
    - Pjazza Public Convenience/Store €200,000 (huwa stmat li €168,000 se jiġu rimborżati minn sorsi oħra ta' għotjiet tal-Gvern Ċentrali, Development Planning Fund, DLG, Fondi Reġjonali)
    - Miżura 4.3 - San Pawl Qlejja - €230,000 (huwa stmat li Eur144,000 se jingħataw lura mill-Fondi tal-UE.
    - LESA Community Project - Eur95,000 (huwa stmat li Eur75,000 se jingħataw lura mill-għotjiet tal-LESA.
    - Piazza Phase 3 Lighting + Surrounding Roads Eur100,000 (Council share)

- Accumulated Surplus €150,000

Il-membri preżenti approvaw l-Annual Budget for the Financial Year 2023.

**58.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**58.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 137.

**58.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**58.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**58.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Jannar 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**58.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-11 t'April 2023 fis-6:00pm. Laqgħa Pubblika fit-2 ta' Mejju fis-6.00pm.

Konfermati llum 7 ta' Marzu 2023.

IFFIRMATI
Perit Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv